MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 32/2008

**Mark u Carmen konjugi Pace detenturi tal-karta ta' l-identita' 547677(M) u 513078(M) rispettivament ezercenti l-kummerc taht MarCar Services**

**Vs**

**Malta Football Referees Association u b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2008 gie kjamat in kawza l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-kjamat fil-kawza ghall-hlas ta' l-ammont ta' Euro4409.19c rapprezentanti servizzi rezi lilhom in konnessjoni ma' servizzi ta' transport li l-istess atturi nomine rrendew lilhom hekk kif se jippruvaw l-istess atturi nomine f'din il-kawza flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez skond il-ligi bl-inkluz l-ittra ufficjali bin-numru 6595/07.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-atturi fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut Ministeru ta’ l-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports naqas u ma deherx la fid-29 t’April 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra l-kjamat fil-kawza Ministeru ta’ l-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------